

## Dispożitiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Rodd & Gunn Australia Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' April 2010 — Coin vs UASI — Dynamiki Zoi (Fitcoin)**

**(Kawża T-249/08)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Fitcoin — Trade marks nazzjonali, internazzjonali u Komunitarja figurattivi preċedenti coin — Raġuni relattiva għal rifjut — Pubbliku rilevanti — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

*Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punt 26)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta’ April 2008 (Każ R 1429/2007-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Coin SpA u Dynamiki Zoi AE.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Dynamiki Zoi AE
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali Fitcoin għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41 — Applikazzjoni Nru 3725298
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Coin SpA
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark Taljana coin, Reġistrazzjoni Nru 160126, għal prodotti fil-klassi 25; trade mark Taljana coin, Reġistrazzjoni Nru 253233, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41; trade mark Taljana coin, Reġistrazzjoni Nru 240305, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41; trade mark Taljana coin, Reġistrazzjoni Nru 169548, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41, estiża għall-Benelux, Franza, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Portugall; trade mark Taljana coin, Reġistrazzjoni Nru 240286, għal prodotti u servizzi fil-klassi 25, estiża għall-Benelux, Franza, l-Ungerija u l-Awstrija; trade mark Komunitarja coin, Reġistrazzjoni Nru 109827, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28 u 35; trade mark internazzjonali coin, Reġistrazzjoni Nru R 381015, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41, estiża għall-Benelux, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Portugall u s-Slovenja
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-15 ta' April 2008 (Każ R 1429/2007-1), hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

## **Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-21 ta' April 2010 — Schunk vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' parti ta' ċokk ta' torn)**

**(Kawża T-7/09)**

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tirrappreżenta parti ta' ċokk ta' torn bi tliet gruvijiet — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub bl-użu — Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

*Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 22, 33)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Ottubru 2008 (Każ R 1109/2007-1), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal li jirrapreżenta parti ta' ċokk ta' torn bi tliet gruvijiet bħala trade mark Komunitarja.